# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 31 ta' Jannar, 2001**

**Numru 42**

**Citaz. Nru. 2194/98GV**

**Doc. Nru. 8-01**

O.F. Gollcher and Sons Ltd. fil-kwalita taghha bhala agent tas-socjeta' estera KLM Royal Dutch Airlines

vs

Albiro Micallef

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet illi f'Awissu u Ottubru tas-sena elf, disa' mija u tlieta u disghin (1993) il-konvenut kien xtara numru ta' biljetti tal-ajru minghand is-socjeta' attrici, liema biljetti kienu inbieghu ghall-prezz ta' sitt mija u sebgha u hamsin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm657.50) ghall-biljetti li kienu inbieghu f'Awissu, u elf, mitejn u sebgha u tletin lira Maltin (Lm1,237) ghall-biljetti li kienu inbieghu f'Ottubru;

Premess illi ghalhekk b'kollox il-prezz tal-biljetti mibjugha lill-konvenut, jammonta ghas-somma ta' elf, tmien mija u erbgha u disghin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1,894.50);

Premess illi l-konvenut qatt ma kien hallas lis-socjeta' attrici ghall-prezz ta' dawn il-biljetti;

Premess illi l-konvenut dejjem ammetta illi dina is-somma kienet dovuta, u minkejja l-fatt illi wieghed kemm il-darba illi ser ihallas dan qatt ma sar;

Premess illi l-konvenut gie interpellat biex ihallas kemm il-darba, dana xorta baqa' inadempjenti;

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta' attrici l-konvenut mghandux eccezzjonijiet x'jaghti u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;

Is-socjeta' attrici talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili u cioe' bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u
2. tikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1,894.50 lilha dovuti - kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali kalkolabbli mis-sitta (6) ta' Awissu, 1993, u bl-ispejjez inkluz Lm15 ghal-konsult u tal-ittra legali tal-erbgha (4) ta' April, 1996 kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol 3;

Rat in-nota a fol 14 li biha t-talba attrici giet ridotta ghall-Lm1,344.50;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 16 fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress li l-esponenti ma ghandu ebda relazzjoni guridika mad-ditta attrici, u dan in vista tal-fatt li ma xtara ebda biljetti tal-ajru minghand id-ditta attrici;

2. Illi, f'kull kaz, l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148 (a) jew (b) tal-Kodici Civili;

Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

**TALBA**

L-atturi qed jitolbu li dina l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1,894.50 (elf, tmien mija, erbgha u disghin liri Maltin u hamsin centezmu) dovuti ghall-prezz ta' biljetti mixtrija minnu minghand is-socjeta' attrici.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenut eccepixxa li hu mghandu ebda relazzjoni guridika mad-ditta attrici in vista tal-fatt li hu ma xtara ebda biljetti tal-ajru minghandha.

F'kull kaz l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-artikolu 2148(a) jew (b) tal-Kap 16.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dwar l-eccezzjoni fuq il-preskrizzjoni jirrizulta li l-ahhar pagamenti li ghamel il-konvenut kien fi Frar 1998 (ara xhieda ta' E. Magro) u c-citazzjoni giet prezentata fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Ottubru, 1998 ghalhekk it-terminu ta' tmintax (18)-il xahar imsemmi fl-artikolu 2148 ikkwotat mill-konvenut m'ghaddiex.

Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, l-atturi qed jissottomettu li l-konvenut kien xtara biljetti minghand is-socjeta' attrici diversi drabi u kien jinghata 5% commission fuq il-prezz tal-biljetti relattivi. Il-konvenut dejjem hallas tal-biljetti. Imbaghad kien hemm zewg okkazzjonijiet ohra fejn ha biljetti ghal Kanada u ghal Awstralja u ma hallasx taghhom. In segwitu sar ftehim mal-konvenut biex ihallas bil-Lm100 (mitt lira Maltin) fix-xahar l-ammont dovut. Il-konvenut kien ghamel xi pagamenti, imbaghad waqaf u ghalhekk saret dina l-kawza biex ihallas il-bilanc.

Ghalkemm ma hemm eccezzjoni formali f'dan is-sens, il-konvenut qed isostni li hu ibati mil Wilsen's disease u ghalhekk hu ma kienx responsabbili ghall-azzjonijiet tieghu billi l-gudizzju tieghu kien imnaqqas. Fl-istess hin fl-eccezzjoni tieghu l-konvenut isemmi li hu ma kellu ebda relazzjoni guridika mal-atturi billi l-biljetti ma kienx xtrahom huwa imma terzi li ma jafhomx.

Dr. J.Spiteri xehed dwar l-istat mentali tal-konvenut meta hu ezaminah fl-1999 u xehed li l-istat mentali tal-konvenut hu disturbat. Izda hu ma setghax jixhed dwar l-istat mentali tal-konvenut fl-1993 imma assuma li la darba dina l-marda giet diagnosed fl-1983 allura kien hemm progress fil-marda minn dak iz-zmien sa meta huwa ezaminah. Dan il-progess skond it-tabib jidher anke fl-ittra tal-1995 a fol 58.

Il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha prodotti tasal ghall-konkluzzjoni li ghalkemm il-konvenut qed ibati minn dina l-marda, ic-cirkostanzi juru li l-istat mentali tieghu fl-1993 meta nholoq dan il-kreditu, ma kienx disturbat b'tali

mod li l-konvenut ma kienx jaf x'qed jaghmel jew li ma kienx responsabbili ghall-azzjonijiet tieghu.

Jidher li l-kreditu li ghandhom l-atturi kontra l-konvenut hu wiehed li jidhol fil-kors normali tax-xoghol li kien qed jiggestixxi l-konvenut dak iz-zmien u ma kien hemm ebda extravaganza jew riskji insoliti fix-xiri ta' biljett ghal Awstralja jew ghal Kanada. Il-konvenut kien jorganizza charter flights ghal-kumpanija tal-ivvjaggar bhala xoghol fiss tieghu.

Issa l-kwistjoni li trid tiddeciedi l-Qorti hi jekk il-fatti grawx kif qal il-konvenut jew inkellha kif xehdu l-atturi.

Il-Qorti issib li l-versjoni tal-atturi hija aktar verosimili. Edward Magro xehed:

> li l-konvenut kien jahdem bhala rapprezentant tal-Airtours Ltd u kien jahdem l-Airport. Il-konvenut kien jiehu hsieb l-arrangamenti ta' l-ivvjaggar ta' xi nies li kienu jitolbuh. Il-konvenut kien jaghmel dan ix-xoghol ghal rasu. Il-konvenut kien jixtri l-biljetti minghandhom u kienu jaghtuh 5% commission. Is-soltu l-konvenut kien ihallas mill-ewwel minghajr problemi. Damu sejrin hekk xi sena u nofs. Fl-1993 kien ha zewg biljetti Malta-Toronto-Malta u ma kienx hallas taghhom. Imbaghad f'Ottubru 1993 rega' ha zewg biljetti Malta-Melbourne-Malta. Dak in-nhar hu ma kienx l-ufficju meta hadhom. Il-konvenut rega' ma hallasx ta' dawn il-biljetti. Kien ifakkru biex ihallas u dana kien iwieghdu li ser ihallas. Imbaghad il-konvenut ma baqax jahdem l-airport u skopra li kien marad. Kienu baghtulu ittra bl-avukat u wara ghamlu laqgha fejn il-konvenut kien infurmahom li ma setghax ihallas l-ammont kollu f'daqqa billi kellu problema ta' sahhtu u kien qed jonfoq hafna flus f'tobba. Kienu accettaw proposta tal-konvenut li jhallas Lm100 (mitt liri Maltin) fix-xahar. Ghall-ewwel erba' xhur il-konvenut hallas, imbaghad waqaf. Regghu kitbulu u hallas pagament ta' Lm100 (mitt lira Maltin) u iehor ta' Lm50 (hamsin liri Maltin). Imbaghad ma hallasx aktar. L-

ammont dovut illum hu ta' Lm1,344.50 (elf, tlett mija u erbgha u erbghin liri Maltin u hamsin centezmu).

L-istess xehed Francis Cuschieri.

Mhux verosimili li l-atturi ser jaghtu biljetti tal-ajru ghal Awstralja jew ghal Kanada lill-persuni li huma ma jafux ghax dawn qalulhom li kien ser ihallas il-konvenut. Hu aktar verosimili li gara dak li qalu l-atturi li kif kien jaghmel qabel il-konvenut xtara biljetti ghall-persuni ohra li pero' ma hallasx.

Imbaghad hemm il-kwistjoni l-ohra li l-konvenut kien accetta li jhallas l-ammont pendenti u fil-fatt beda jaghmel pagamenti biex jaqta' minn dana l-ammont. Minn imkien ma jirrizulta li kienet saret xi pressjoni fuq il-konvenut biex ihallas. Anzi inzerta li l-Avukat tieghu kien ukoll l-avukat ta' l-atturi u zgur li Dr.Schembri ma kienx qed jahdem kontra l-istess klijent tieghu, il-konvenut, jew jaghmel pressjoni fuqu biex jirranga.

Il-konvenut xehed fid-dettal f'Jannar 2000 u qal li fl-1993 sahhtu kienet tajba u kien jaf x'qed jaghmel. Hu ma kienx ser jaghmel pagamenti akkont ghal xejn, ghal ebda raguni jew bhala liberalita'. Il-*kawza* kien hemm, u dina kienet il-fatt li hu kien xtara biljetti li ma kienx hallas ghalihom. Mhux verosimili li l-konvenut kien qed jaghmel dana ix-xoghol ma' l-atturi ghal xejn u mhux biex idahhal il-commission kif xehdu l-atturi.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeciedi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici ghas-somma ta' Lm1,344.50 (elf, tlett mija, erbgha u erbghin liri Maltin u hamsin centezmi), bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**